C/2025/5775

28.10.2025

Pubblikazzjoni tal-komunikazzjoni ta' emenda standard approvata ta' speċifikazzjoni tal-prodott ta' indikazzjoni ġeografika f'konformità mal-Artikolu 5(4) tar-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2025/27 [1]

(C/2025/5775)

KOMUNIKAZZJONI TAL-APPROVAZZJONI TA' EMENDA STANDARD

(Artikolu 24 tar-Regolament (UE) 2024/1143)

"Tettnanger Hopfen"

Numru ta' referenza tal-UE: PGI-DE-0528-AM01 — 5.8.2025

1. **Isem il-prodott**

"Tettnanger Hopfen"

2. **Tip ta' indikazzjoni ġeografika**

☑ IĠP

☐ DOP

☐ IĠ

3. **Settur**

☑ Prodotti agrikoli

☐ Inbejjed

☐ Xarbiet spiritużi

4. **Pajjiż li għalih tappartjeni ż-żona ġeografika**

Il-Ġermanja

5. **Awtorità tal-Istat Membru li tikkomunika l-emenda standard**

Isem

Il-Ministeru Federali għall-Ġustizzja u l-Ħarsien tal-Konsumatur

6. **Kwalifika bħala emenda standard**

L-applikazzjoni għal emenda tal-IĠP "Tettnanger Hopfen" ma tinvolvi l-ebda waħda mit-tliet sitwazzjonijiet li jikkostitwixxu "emenda tal-Unjoni" skont l-Artikolu 24(3) tar-Regolament (UE) 2024/1143, speċifikament:

(a) għall-prodotti agrikoli, bidla fl-isem jew fl-użu tal-isem;

(b) ir-riskju li tixxejjen ir-rabta maż-żona ġeografika;

(c) restrizzjonijiet ulterjuri fuq il-kummerċjalizzazzjoni tal-prodott, u għalhekk għandha tiġi kklassifikata bħala "emenda standard".

[1] Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2025/27 tat-30 ta' Ottubru 2024 li jissupplimenta r-Regolament (UE) 2024/1143 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill b'regoli dwar ir-reġistrazzjoni u l-protezzjoni ta' indikazzjonijiet ġeografiċi, speċjalitajiet tradizzjonali garantiti u termini tal-kwalità mhux obbligatorji u li jħassar ir-Regolament Delegat (UE) Nru 664/2014 (ĠU L, 2025/27, 15.1.2025, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg_del/2025/27/oj).

7. **Deskrizzjoni tal-emenda/i standard approvata/i**

Titolu

"Tettnanger Hopfen"

Deskrizzjoni

Emendi tal-ispeċifikazzjoni tal-prodott, it-taqsima (b) "Deskrizzjoni"

Fit-tieni sentenza tal-paragrafu 1, tħassret ir-referenza għar-Regolament preċedenti (KE) Nru 510/2006 u ddaħħlet ir-referenza għar-Regolament li issa huwa validu (UE) 2024/1143. Fl-ewwel paragrafu, tħassru l-aħħar żewġ sentenzi, "Minbarra l-varjetajiet prinċipali magħrufa bl-isem ta' 'Tettnanger' (mill-1973, id-denominazzjoni unika 'Tettnanger Frühhopfen') u 'Hallertauer Mittelfrüher', jitkabbru wkoll il-varjetajiet 'Hallertauer Tradition' u 'Perle'"; P. Heidtmann "Grünes Gold", 1994, p. 342). Il-varjetà "Tettnanger" titkabbar biss fiż-żona ta' kultivazzjoni ta' Tettnang.". Fl-ewwel sentenza tal-paragrafu 5, il-kelma "uffiċjalment" tħassret u ġiet sostitwita bil-kliem "spiss addizzjonalment", u l-kliem "u ħops bit-'togħma'" iddaħħal wara l-kliem "'alfa għolja'". Fit-tieni sentenza tal-paragrafu 5, "Mit-'Tettnanger Hopfen', 96 % (il-varjetajiet Tettnanger u Hallertauer) jaqgħu fil-klassi 'l-iprem aroma'; filwaqt li l-4 % l-oħra (il-varjetajiet 'Perle' u 'Hallertauer Tradition') huma kklassifikati 'aromatiċi'.", tħassret.

Raġuni:

Meta tfasslet l-ispeċifikazzjoni tal-prodott ta' qabel, kienu qed jiġu kkultivati biss erba' varjetajiet aromatiċi (Tettnanger, Hallertauer Mittelfrüher, Perle u Hallertauer Tradition). Illum il-ġurnata, billi qed jitkabbru għadd kbir ta' varjetajiet aromatiċi, il-limitu ta' erba' varjetajiet ma għandux jibqa' japplika. Ma għandhomx jiġu speċifikati ismijiet, billi l-għadd ta' varjetajiet qed ikompli jikber. Ġiet miżjuda l-kategorija tal-"ħops bit-togħma" (speċjalment varjetajiet aromatiċi). Għalhekk din il-kategorija ta' aroma għandha tiġi inkluża.

Emendi rilevanti għad-dokument uniku:

Il-punt 3.2 "Deskrizzjoni tal-prodott"

Fir-raba' sentenza tal-paragrafu 1, ir-referenza għar-Regolament preċedenti (KE) Nru 510/2006 tħassret u ddaħħlet ir-referenza għar-Regolament li issa huwa validu (UE) 2024/1143. Fl-ewwel paragrafu, tħassru l-aħħar żewġ sentenzi, "Minbarra l-varjetajiet prinċipali magħrufa bl-isem ta' 'Tettnanger' (mill-1973, id-denominazzjoni unika 'Tettnanger Frühhopfen') u 'Hallertauer Mittelfrüher', jitkabbru wkoll il-varjetajiet 'Hallertauer Tradition' u 'Perle'"; ara P. Heidtmann, Grünes Gold, 1994, p. 42). Il-varjetà "Tettnanger" titkabbar biss fiż-żona ta' kultivazzjoni ta' Tettnang.". Fl-ewwel sentenza tal-paragrafu 5, il-kelma "uffiċjalment" tħassret u ġiet sostitwita bil-kliem "spiss addizzjonalment", u l-kliem "u ħops bit-'togħma'" iddaħħal wara l-kliem "alfa għolja". Fit-tieni sentenza tal-paragrafu 5, "Mit-'Tettnanger Hopfen', 96 % (il-varjetajiet Tettnanger u Hallertauer) jaqgħu fil-klassi 'l-iprem aroma'; filwaqt li l-4 % l-oħra (il-varjetajiet 'Perle' u 'Hallertauer Tradition') huma kklassifikati 'aromatiċi'.", tħassret.

Emendi tal-ispeċifikazzjoni tal-prodott, it-taqsima (e) "Proċess ta' produzzjoni"

It-tieni sentenza tal-paragrafu 1 ġiet emendata kif ġej: Il-kliem "permezz ta' tnissil meħud mill-uċuħ tal-operatur stess jew inkella minn xtieli fl-għelieqi ġirien, fi kwalunkwe każ 100 % miż-żona ta' kultivazzjoni ta' Tettnang" tħassar u ġie sostitwit bil-kliem "ġeneralment propagat permezz ta' riżomi jew pjanti fil-qsari, fejn possibbli u disponibbli mir-reġjun tat-tkabbir ta' Tettnang.". Fit-tieni sentenza tal-paragrafu 2, il-kliem "4 rimjiet" huma sostitwiti b'"minn żewġ sa erba' rimjiet".

Raġuni:

Kif diġà ssemma, qed jiġu kkultivati varjetajiet ġodda. Peress li ma jsir l-ebda tnissil tal-ħops f'Baden-Württemberg, iżda jsir fil-Bavarja, ir-restrizzjoni ta' 100 % u l-impenn għall-propagazzjoni fiż-żona tat-tkabbir ta' Tettnang għandhom jitneħħew jew jiġu ssupplimentati bi kliem differenti. Iż-żieda ta' "minn żewġ sa erba' rimjiet" trid issir għaliex is-sistemi u l-varjetajiet ġodda ta' tkabbir jippermettu wkoll il-gwida ta' żewġ rimjiet biss, ġeneralment tlieta.

Ma hemm l-ebda emenda dwar dan il-punt fid-dokument uniku.

Emendi tal-ispeċifikazzjoni tal-prodott, il-punt (f) "Rabta maż-żona ġeografika"

Il-punt (1) "Speċifiċità taż-żona ġeografika"

L-aħħar sentenza tal-paragrafu 1: Il-kliem "sa dak iż-żmien" iddaħħlu qabel il-kliem "biss ħops aromatiċi".

Il-punt (2) “Speċifiċità tal-prodott”

Fil-paragrafu 1, tħassru t-tieni u t-tielet sentenzi, “Minbarra l-varjetajiet prinċipali magħrufa bl-isem ta’ ‘Tettnanger’ u ‘Hallertauer Mittelfrüher’, jitkabbru wkoll il-varjetajiet ‘Hallertauer Tradition’ u ‘Perle’”. Il-varjetà “Tettnanger” titkabbar biss fiż-żona ta’ kultivazzjoni ta’ Tettnang.”.

Il-paragrafu 3: Tħassret “Mit-Tettnanger Hopfen, 96 % (il-varjetajiet Tettnanger u Hallertauer) jaqgħu fil-klassi ‘l-iprem aroma’; filwaqt li l-4 % l-oħra (il-varjetajiet ‘Perle’ u ‘Hallertauer Tradition’) huma kklassifikati ‘aromatiċi’.”.

Fit-tieni sentenza tal-paragrafu 4, il-kliem “fil-laboratorji speċjalizzati ta’ Tettnang” tħassar u ġie sostitwit bil-kliem “matul spezzjoni indipendenti tal-kwalità (Neutrale Qualitätsfeststellung, NQF)”.

Raġuni:

Hawnhekk ukoll, erba’ varjetajiet biss ġew ikkultivati qabel; dan in-numru issa żdied. Il-fattur deċiżiv jibqa’ l-fatt li “l-varjetajiet aromatiċi kollha taż-żona ta’ kultivazzjoni ta’ Tettnang iġibu l-isem ta’ ‘Tettnanger Hopfen’.”. Tħassir taċ-ċifri perċentwali għax il-perċentwali jistgħu jinbidlu kull sena skont il-kundizzjonijiet tas-suq u tal-għelejjel. Mill-ħsad tal-2022, il-“laboratorju tal-ħops ta’ Tettnang” ma għadux jeżisti u għalhekk tħassar kif xieraq.

Emendi rilevanti għad-dokument uniku:

Il-punt 5.1 “Speċifiċità taż-żona ġeografika”

Il-punt 1, l-aħħar sentenza: Il-kliem “sa dak iż-żmien” iddaħħlu wara l-kliem “taż-żona ta’ kultivazzjoni ta’ Tettnang”.

Il-punt 5.2 “Speċifiċità tal-prodott”

Fil-paragrafu 1, tħassru t-tieni u t-tielet sentenzi, “Minbarra l-varjetajiet prinċipali magħrufa bl-isem ta’ ‘Tettnanger’ u ‘Hallertauer Mittelfrüher’, jitkabbru wkoll il-varjetajiet ‘Hallertauer Tradition’ u ‘Perle’”. Il-varjetà “Tettnanger” titkabbar biss fiż-żona ta’ kultivazzjoni ta’ Tettnang.”.

Il-paragrafu 3: Tħassret “Mit-Tettnanger Hopfen, 96 % (il-varjetajiet Tettnanger u Hallertauer) jaqgħu fil-klassi ‘l-iprem aroma’; filwaqt li l-4 % l-oħra (il-varjetajiet ‘Perle’ u ‘Hallertauer Tradition’) huma kklassifikati ‘aromatiċi’.”.

Fit-tieni sentenza tal-paragrafu 5, tħassar il-kliem “fil-laboratorji speċjalizzati ta’ Tettnang” u dan ġie sostitwit bil-kliem “matul spezzjoni indipendenti tal-kwalità (Neutrale Qualitätsfeststellung, NQF)”.

☑ L-emenda taffettwa d-dokument uniku.

DOKUMENT UNIKU

Denominazzjonijiet ta’ oriġini u indikazzjonijiet ġeografiċi ta’ prodotti agrikoli

“Tettnanger Hopfen”

Numru ta’ referenza tal-UE: PGI-DE-0528-AM01 - 5.8.2025

1. **Isem/Ismijiet**

“Tettnanger Hopfen”

2. **Tip ta’ indikazzjoni ġeografika**

☐ DOP

☑ IĠP

☐ IĠ

3. **Pajjiż li għalih tappartjeni ż-żona ġeografika definita**

Il-Ġermanja

4. **Deskrizzjoni tal-prodott agrikolu**

4.1. *Klassifikazzjoni tal-prodott agrikolu f'konformità mal-intestatura u l-kodiċi tan-Nomenklatura Magħquda, kif imsemmi fl-Artikolu 6(1) tar-Regolament (UE) 2024/1143*

1210 20 - Koni tal-ħops, miṫunin, magħmulin trab jew fil-forma ta' pellets; lupulina

1210 10 - Koni tal-ħops, la miṫunin, la magħmulin trab u lanqas fil-forma ta' pellets

1210 20 90 – Oħrajn

1302 13 - Meraq u estratti tal-ħops

4.2. *Deskrizzjoni tal-prodott agrikolu li għalih japplika l-isem reġistrat*

Botanija: Mill-aspett botaniku, il-ħops (*Humulus lupulus*) huwa kklassifikat fil-familja tal-qanneb (*Cannabaceae*) u fl-ordni tal-*Urticales* (ħurrieq). Hija pjanta perenni, jiġifieri kull pjanta ġġorr biss żahar femmili jew maskili. Jiġu kkultivati biss il-pjanti "femminili", li jiffurmaw il-fjuri msejħa nefel komuni li aktar tard jiżviluppaw il-koni minnhom. Il-protezzjoni skont ir-Regolament (UE) 2024/1143 (preċedentament ir-Regolament (UE) Nru 1151/2012) għandha tkopri biss il-koni tal-ħops femminili (ħops naturali) u l-prodotti li jidderivaw mill-ipproċessar tagħhom, (f'dan il-każ, b'mod partikolari l-gerbub tal-ħops u l-estratt tal-ħops). Il-koni tal-ħops jikkonsistu minn brakti, braktjoli u magħseb, li jipprovdu l-kostitwenti siewja tal-birra tat-"Tettnanger Hopfen". Il-pjanta tal-ħops hija waħda tal-jiem qosra, jiġifieri tikber fir-rebbiegħa hekk kif il-jiem jitwalu, filwaqt li ż-żahar jifforma minn madwar il-21 ta' Ġunju, meta l-jiem jiqsaru. Bis-saħħa tal-kundizzjonijiet favorevoli li jikbru fihom (il-ħamrija, il-livelli ta' preċipitazzjoni u t-temperaturi medji), it-"Tettnanger Hopfen" jista' jilħaq għoli ta' 8,3 m, għall-kuntrarju tal-ħops f'żoni oħra (ix-xeblik f'żoni oħra tal-kultivazzjoni jilħaq għoli ta' 7-7,5 m). It-"Tettnanger Hopfen" jikber malajr (sa 30 cm kuljum) u jobrom lejn il-lemin.

Il-varjetajiet aromatiċi kollha tar-reġjun ta' Tettnang huma definiti bħala "Tettnanger Hopfen".

L-użu: It-"Tettnanger Hopfen" jintużaw użat esklużivament (madwar 99 %) għall-produzzjoni tal-birra, b'parti ċkejkna tintuża għall-prodotti farmaċewtiċi. Il-klijenti jirċievu t-"Tettnanger Hopfen" f'forma pproċessata bħala gerbub tal-ħops u, sa ċertu punt, bħala estratt tal-ħops (peress li aromi prezzjużi jistgħu jintilfu matul il-proċess ta' estrazzjoni).

Komponenti: Is-sustanzi importanti fil-ħops huma sustanzi qarsa (reżini tal-ħops), aromatiċi (żjut essenzjali) u tannini (polifenoli). Tettnang huwa definit bħala żona ta' tkabbir ta' ħops tat-tip aromatiku.

It-"Tettnanger Hopfen" ħa l-fama dinjija tiegħu, b'mod speċjali, għall-aromi eċċezzjonalment delikati, li huma magħmula minn aktar minn 300 kostitwent taż-żejt essenzjali (il-"bukkett" tal-ħops). Id-deskrizzjonijiet tal-aroma tat-"Tettnanger Hopfen" jinkludu referenzi għall-fjuri, iċ-ċitru, il-frott, ir-ribes aħmar, il-ħlewwa u t-togħma pikkanti. Għall-ħops taż-żona ta' kultivazzjoni ta' Tettnang, dan huwa deskritt bħala li ġeneralment għandu aroma sħiħa u ħafifa armonjuża, iżda persistenti.

Flimkien ma' din il-klassifikazzjoni, il-varjetajiet spiss jiġu kklassifikati wkoll mill-kummerċ tal-ħops bħala ħops "bl-iprem aroma", "tal-aroma", "morra", "alfa għolja" u "bit-togħma". Minħabba li bosta mit-300 komponent aromatiku għadhom jaħarbu lis-sensi tal-bniedem, hija l-impressjoni aromatika soġġettiva li tgħodd għal dawk li jieħdu d-deċiżjonijiet fil-birreriji u għax-xerrejja (meta jagħmlu l-għażla tagħhom, ix-xerrejja jxommu l-ħops b'attenzjoni). Dawk li għandhom għarfien f'dan il-qasam jgħidu li t-"Tettnanger Hopfen" huwa l-iprem fost il-ħops kollu.

4.3. *Derogi dwar l-akkwist ta' għalf (għal prodotti li joriġinaw mill-annimali dożinjati b'Denominazzjoni ta' Oriġini Protetta biss) u restrizzjonijiet fuq l-akkwist ta' materja prima (għal prodotti proċessati dożinjati b'Indikazzjoni Ġeografika Protetta biss)*

-

4.4. *Passi speċifiċi fil-produzzjoni li jridu jsiru fiż-żona ġeografika definita*

Il-proċess kollu tal-produzzjoni tal-ħops sakemm il-koni tal-ħops jiġu imballati mill-produtturi tal-ħops u ssiġillati u ċċertifikati fiċ-ċentru lokali ta' ssiġillar, iseħħ fiż-żona ġeografika definita.

4.5. *Regoli speċifiċi dwar l-imballaġġ, it-tfettit, it-taħkik, eċċ. tal-prodott agrikolu li għalih jirreferi l-isem reġistrat*

-

4.6. *Regoli speċifiċi dwar it-tikkettar tal-prodott agrikolu li għalih jirreferi l-isem reġistrat*

-

4.7. *Definizzjoni qasira taż-żona ġeografika*

Iż-żona ġeografika hija r-reġjun ta' Tettnang. Din tinkludi:

(1) fid-distrett tal-Lag ta' Kostanza (Bodenseekreis)

il-muniċipalitajiet ta' Eriskirch, Friedrichshafen, Hagnau am Bodensee, Immenstaad am Bodensee, Kressbronn am Bodensee, Langenargen, Markdorf, Meckenbeuren, Neukirch, Oberteuringen u Tettnang;

(2) fid-distrett rurali ta' Ravensburg

il-muniċipalitajiet ta' Achberg, Amtzell, Berg, Bodnegg, Grünkraut, Ravensburg, Wangen im Allgäu (żona tal-muniċipalitajiet preċedenti ta' Neuravensburg u Schomburg); u

(3) il-muniċipalitajiet ta' Bodolz, Lindau (Bodensee), Nonnenhorn u Wasserburg (Bodensee) fid-distrett rurali ta' Lindau (Bodensee).

5. **Rabta maż-żona ġeografika**

Ir-rabta kawżali mal-oriġini ġeografika hija bbażata fuq

☑ Reputazzjoni

☑ Kwalità nominali

☐ Karatteristiċi oħra

Sommarju tar-rabta

5.1. *Speċifiċità taż-żona ġeografika*

L-ewwel rekord uffiċjali tat-tkabbir tal-ħops fir-reġjun ta' Tettnang imur lura għall-1150 (P. Heidtmann, "Grünes Gold" ["Deheb Aħdar"], 1994, p. 12). Ir-rekords tal-1838 tal-*Oberamt Tettnang* ta' dak iż-żmien jagħtu l-ismijiet ta' 14-il birrerija (ara "Beschreibung des Oberamts Tettnang" ta' Memminger, 1838, p. 62), li tlieta minnhom kienu għall-belt. Wara 3 snin, fl-1841, l-għadd tela' għal sitta (P. Heidtmann, "Grünes Gold", 1994, p. 13). Il-proprjetarji tagħhom kienu jkabbru l-ħops huma stess. Il-kultivazzjoni ppjanata tal-ħops ġiet introdotta fl-1844 mit-tabib distrettwali, Johann Nepomuk von Lentz, u tmien ċittadini tal-belt, f'żona fejn il-kundizzjonijiet klimatiċi għamlu l-vitikultura inqas fattibbli (P. Heidtmann, "Grünes Gold", 1994, p. 15). Mill-1860 'il quddiem, iż-żona tat-tkabbir tal-ħops kibret, u ltaqgħet ma' reġjun tat-tkabbir eqdem ta' Altshausen lejn it-Tramuntana (fejn il-ħops kien ilu jiġi kkultivat minn madwar l-1821; P. Heidtmann, "Grünes Gold", 1994, p. 14). Fl-1864, ġew ikkultivati 91 ettaru; din iċ-ċifra telgħet għal 160 ettaru fl-1866, 400 ettaru fl-1875, u 630 ettaru fl-1914 (P. Heidtmann, "Grünes Gold", 1994, p. 22 *et seq.*). Ir-reġjun tat-tkabbir tal-ħops madwar Tettnang kellu l-aktar espansjoni sinifikanti fis-snin 90, meta ż-żona kkultivata żdiedet għal 1 650 ettaru (rapport tas-suq tal-ħops tal-UE tal-1997, rapport tal-grupp ta' produtturi HVG tal-1997). Fir-reġjun ta' Tettnang, sa dak iż-żmien, kien jintgħażel u jitkabbar biss il-ħops aromatiku.

It-"Tettnanger Hopfen" jitkabbar biss fiż-żrar tas-saffi ta' isfel tal-moraine tal-aħħar żminijiet tal-glaċjazzjoni Würm fil-baċir ta' Schussen, tul ix-xmara Argen u l-ġnub tagħha fi żmien is-silġ. Din il-formazzjoni ġeoloġika bi flussi ta' ilma ta' taħt l-art tippermetti lill-ħops ikabbar għeruq sa fond ta' 2 m. Fl-istess ħin, tipprovdi lill-ħops b'sors kostanti ta' umdità anke matul perjodi ta' nixfa estrema. Il-klima moderata hawnhekk, bejn 400 m u 600 m 'il fuq mil-livell medju tal-baħar u influwenzata parzjalment mil-Lag ta' Kostanza, hija fattur importanti ieħor li jiddetermina l-aroma tat-"Tettnanger Hopfen".

It-"Tettnanger Hopfen" jitkabbar f'kundizzjonijiet klimatiċi (temperaturi medji annwali, sigħat ta' xemx, preċipitazzjoni) li huma uniċi. B'temperatura ta' 9,4 °C, kważi 1 800 siegħa ta' xemx u 1 136 mm ta' xita, iċ-ċifri medji rreġistrati matul l-aħħar 30 sena (data tal-2009) huma ħafna ogħla minn dawk f'reġjuni oħra tat-tkabbir fil-Ġermanja.

5.2. *Speċifiċità tal-prodott*

Il-varjetajiet aromatiċi kollha tar-reġjun ta' Tettnang huma definiti bħala "Tettnanger Hopfen".

It-"Tettnanger Hopfen" fih aromi eċċezzjonalment delikati li huma magħmula minn aktar minn 300 kostitwent taż-żejt essenzjali (il-"fjura" tal-ħops). Id-deskrizzjonijiet tal-aroma tat-"Tettnanger Hopfen" jinkludu referenzi għall-fjuri, iċ-ċitru, il-frott, ir-ribes aħmar, il-ħlewwa u t-togħma pikkanti. Għall-ħops taż-żona ta' kultivazzjoni ta' Tettnang, dan huwa deskritt bħala li ġeneralment għandu aroma shiha u ħafifa armonjuża, iżda persistenti.

It-"Tettnanger Hopfen" huwa kkaratterizzat ukoll minn livell għoli ta' omoġeneità. Il-prova ta' dan hija l-eżami estern annwali tal-kwalità tal-lottijiet tal-ħops waqt spezzjoni indipendenti tal-kwalità (Neutrale Qualitätsfeststellung, NQF). Għall-varjetà Tettnanger dan ġie kkonfermat ukoll mill-Università ta' Hohenheim u għall-varjetà Hallertauer Mittelfrüher mill-birrerija Anheuser/Busch.

It-"Tettnanger Hopfen" għandu reputazzjoni li testendi ferm lil hinn mill-konfini reġjonali. L-aroma delikata tal-ħops minn Tettnang attirat kemm lill-esperti fil-Ġappun kif ukoll lil dawk mill-Istati Uniti. Eżempju wieħed tar-rispett u l-assoċjazzjoni mal-kwalità li jgawdi l-prodott jista' jinstab fl-Istati Uniti, fejn mhux rari li l-birreriji jpoġġu tikketta fuq il-kartelli tagħhom li tiddikjara li "Il-produzzjoni tal-birra saret bil-Ħops ta' Tettnang". Il-kwalità tat-"Tettnanger Hopfen" tfisser li dejjem tattira l-ogħla prezzijiet tal-bejgħ (rapporti annwali tal-UE fis-snin 90, rapporti annwali mill-1990 sal-2000 tal-Bayerische Landesanstalt; P. Heidtmann, "Grünes Gold", 1994, p. 368 u 369). Il-ħajja taċ-ċittadini ta' Tettnang hija ddeterminata mill-ħops, fatt ikkonfermat mill-istrutturi u l-avvenimenti reġjonali li jiffokaw fuq it-"Tettnanger Hopfen". Il-Mużew tal-Ħops ta' Tettnang, li fetaħ il-bibien tiegħu fl-1995, jagħti xhieda tal-faxxinu tal-belt għat-tkabbir tal-ħops. Mogħdija edukattiva ta' 4 km tgħid lill-viżitaturi interessati dak kollu li jeħtieġu jkunu jafu dwar it-"Tettnanger Hopfen". Mogħdija ċirkolari ta' 42 km tieħu liċ-ċiklisti madwar ir-reġjun tat-tkabbir tal-ħops ta' Tettnang. Kull sena f'Awwissu, ftit qabel il-ħsad, iċ-ċittadini ta' Tettnang jinġabru flimkien biex jiċċelebraw it-tradizzjoni twila tad-"deheb aħdar" tagħhom fil-Festival tal-Ħops f'Tettnang-Kau. Fl-aħħar nett, kull sentejn jiġu eletti l-"Eċċellenzi tal-Ħops ta' Tettnang" (Reġina u żewġ Prinċipessi tal-Ħops) bħala ambaxxaturi tat-"Tettnanger Hopfen" fir-reġjun u f'pajjiżi barranin.

5.3. *Rabta kawżali bejn iż-żona ġeografika u l-kwalità jew il-karatteristiċi tal-prodott (għad-DOP) jew kwalità speċifika, ir-reputazzjoni jew karatteristiċi oħrajn tal-prodott (għall-IĠP)*

Il-kombinazzjoni ta' dawn il-fatturi ġeoloġiċi u klimatiċi tipprovdi l-aħjar kundizzjonijiet għat-tkabbir u għall-produzzjoni tal-koni tat-"Tettnanger Hopfen", u tiżgura omoġeneità li fil-parti l-kbira hija dovuta għal fatturi ġeografiċi. Barra minn hekk, il-kundizzjonijiet tal-ħamrija fiż-żona ġeografika definita u l-klima pjuttost ħafifa, parzjalment minħabba l-influwenza tal-Lag ta' Kostanza, għandhom rwol ewlieni fid-determinazzjoni tal-aroma partikolarment fina tat-"Tettnanger Hopfen". Hija din l-aroma li hija strumentali fir-reputazzjoni globali tiegħu. It-tradizzjoni twila ta' kultivazzjoni tal-ħops fir-reġjun ta' Tettnang tfisser ukoll li l-popolazzjoni lokali tidentifika ruħha b'mod qawwi mat-"Tettnanger Hopfen", u tagħmlu parti integrali mill-ħajja kulturali tagħha.

Referenza elettronika (URL) għall-pubblikazzjoni tal-ispeċifikazzjoni tal-prodott

https://register.dpma.de/DPMAregister/geo/detail.detailtabelle.pdfdownload/42620